Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2026/2349

22.10.2026

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2026/2349

tad-9 ta' Ottubru 2026

li tirrikonoxxi ċerti proġetti tal-materja prima kritika bħala Proġetti Strateġiċi skont ir-Regolament (UE) 2024/1252 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(notifikata bid-dokument C(2026) 8051)

(It-test bl-Ingliż biss huwa awtentiku)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2024/1252 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' April 2024 li jistabbilixxi qafas li jiżgura provvista sigura u sostenibbli tal-materja prima kritika u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 168/2013, (UE) 2018/858, (UE) 2018/1724 u (UE) 2019/1020 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 7(9) tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 1(2), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2024/1252 u biex tkun żgurata l-provvista tal-Unjoni tal-materja prima kritika, il-Kummissjoni trid tidentifika proġetti għall-estrazzjoni, l-ipproċessar, ir-riċiklaġġ jew is-sostituzzjoni ta' materja prima strateġika, biex dawk il-proġetti jiġu rikonoxxuti bħala Proġetti Strateġiċi skont il-qafas stabbilit fl-Artikolu 7 ta' dak ir-Regolament.

(2) F'konformità mal-Artikolu 7(3) tar-Regolament (UE) 2024/1252, fit-23 ta' Mejju 2024 il-Kummissjoni nediet sejħa għall-applikazzjonijiet għar-rikonoxximent ta' proġett tal-materja prima kritika bħala Proġett Strateġiku ([2]), bit-tieni skadenza tal-15 ta' Jannar 2026.

(3) Wara s-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet, fit-13 ta' Frar 2026 il-Kummissjoni infurmat lill-applikanti dwar jekk l-informazzjoni pprovduta kinitx ikkunsidrata kompluta f'konformità mal-Artikolu 7(4) tar-Regolament (UE) 2024/1252.

(4) Fil-mument tat-tieni skadenza tal-15 ta' Jannar 2026, ġew sottomessi 101 applikazzjoni minn proġetti proposti li jinsabu fl-Istati Membri, li 98 minnhom tqiesu kompluti mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 7(1) u (4) tar-Regolament (UE) 2024/1252.

(5) F'konformità mal-Artikolu 7(5) tar-Regolament (UE) 2024/1252, il-Kummissjoni infurmat lill-Bord Ewropew għall-Materja Prima Kritika (il-Bord) stabbilit bl-Artikolu 35(1) ta' dak ir-Regolament, dwar l-applikazzjonijiet li l-Kummissjoni qieset kompluti.

(6) Wara dakinhar, il-Kummissjoni bagħtet l-applikazzjonijiet sħaħ f'konformità mal-Artikolu 7(7) tar-Regolament (UE) 2024/1252 lill-Istati Membri li t-territorju tagħhom hu kkonċernat mill-proġetti proposti. L-Istati Membri kkonċernati kellhom l-opportunità li jagħtu rispons tekniku u joġġezzjonaw għal dawk il-proġetti proposti f'konformità mal-Artikolu 7(8) ta' dak ir-Regolament.

(7) Il-Kummissjoni vvalutat dawk l-applikazzjonijiet f'konformità mal-kriterji speċifikati fl-Artikolu 6(1) tar-Regolament (UE) 2024/1252, bl-appoġġ ta' esperti esterni b'għarfien espert professjonali fid-dimensjonijiet tekniċi, finanzjarji, ambjentali, soċjali u ta' governanza (ESG) tal-proġetti rispettivi, kif ukoll fil-Klassifikazzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Riżorsi (UNFC) ([3]). Ir-rapport tal-esperti firex il-bażi għall-valutazzjoni tal-Kummissjoni.

([1]) ĠU L, 2024/1252, 3.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1252/oj.
([2]) Sejħa għall-applikazzjonijiet: Proġetti Strateġiċi skont l-Att dwar il-Materja Prima Kritika — Suq Intern, Industrija, Intraprenditorija u SMEs.
([3]) Il-Klassifikazzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Riżorsi (UNFC) | UNECE.

(8) B'mod partikolari, il-Kummissjoni vvalutat dawk l-applikazzjonijiet fid-dawl tal-kontribut tagħhom għas-sigurtà tal-provvista tal-Unjoni tal-materja prima strateġika, il-fattibbiltà teknika, l-implimentazzjoni sostenibbli u l-benefiċċji transfruntieri, skont l-Artikolu 6(1) tar-Regolament (UE) 2024/1252. Għalhekk, il-proġetti li jissodisfaw il-kriterji kollha stabbiliti f'dak l-Artikolu jenħtieġ li jiġu rikonoxxuti bħala Proġetti Strateġiċi.

(9) Il-Kummissjoni pprovdiet il-valutazzjoni tagħha lill-Bord f'konformità mal-Artikolu 7(6), it-tieni subparagrafu, tar-Regolament (UE) 2024/1252. L-ebda wieħed mill-proġetti li jissodisfa l-kriterji previsti fl-Artikolu 6(1) tar-Regolament (UE) 2024/1252, elenkati fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni, ma rċieva oġġezzjoni mill-Istati Membri li t-territorju tagħhom hu kkonċernat mill-proġetti proposti rispettivi, f'konformità mal-Artikolu 7(8) tar-Regolament (UE) 2024/1252.

(10) Għalhekk, il-Kummissjoni jenħtieġ li tinnotifika lil dawk kollha li applikaw biex proġett jiġi rikonoxxut bħala Proġett Strateġiku. B'mod partikolari, il-Kummissjoni jenħtieġ li tinnotifika lill-applikanti kollha dwar ir-riżultat tal-valutazzjoni tagħha u r-raġunament tagħha filwaqt li tiżgura l-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali u tan-negozju, u ta' informazzjoni sensittiva, kunfidenzjali u klassifikata oħra, kif previst fl-Artikolu 46 tar-Regolament (UE) 2024/1252.

(11) Il-Kummissjoni jenħtieġ li tipprovdi wkoll din id-Deċiżjoni lill-Bord u lill-Istati Membri li t-territorju tagħhom ikun ikkonċernat mill-proġetti, f'konformità mal-Artikolu 7(9), it-tieni subparagrafu, tar-Regolament (UE) 2024/1252.

(12) Din id-Deċiżjoni hija f'konformità mal-opinjoni tal-Bord,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-proġetti elenkati fl-Anness huma rikonoxxuti bħala Proġetti Strateġiċi.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-impriżi li ġejjin:

	Promotur tal-Proġett	Indirizz tal-Promotur	Isem il-Proġett
1	Mitsubishi Materials Europe B.V	Honthorststraat 19, 1071 DC Amsterdam, in-Netherlands	3ECYCLE
2	9-Tech	Via della Geologia 31, 30176, Venezja, l-Italja	9PV-up: Upcycling raw materials from end-of-life photovoltaic panels.
3	Neptune Energy Innovations GmbH	Ahrensburger Straße 1, DE-30659 Hannover, il-Ġermanja	ALE - Altmark Lithium Extraction
4	Alkeemia S.p.A.	Via della Chimica, 5, 30175 Porto Marghera (VE), l-Italja	Alkeemia PureGraph
5	ABENÓJAR TUNGSTEN S.A.	Calle Ayala n° 10, 4° Izquierda, Madris, Spanja	EU APT Tungsten Plant
6	MINERALIA - Minas, Geotecnia e Construções, Lda.	R. Padre José G. Eigenmann, n. 90, 4715-199 Braga, il-Portugall	BORRALHA MINING PROJECT
7	Rhodia Operations	9 rue des Cuirassiers 69003 Lyon, Franza	BREES (Best Rare Earth Element Separation)
8	Leonardo S.p.A.	Piazza Monte Grappa n. 4, 00195, Ruma, l-Italja	CRM4Defence – Byproducts and Recycling of CRM for Defence

	Promotur tal-Proġett	Indirizz tal-Promotur	Isem il-Proġett
9	Cobre San Rafael, S.L.	Lugar La Mina, s/n, 15.822 Touro (A Coruña), Spanja	Cobre San Rafael Project
10	Umicore	Broekstraat 31, 1000 Brussell, il-Belġju	CoNiKo - Cobalt and Nickel refining in Kokkola
11	Comet Traitements	Rivage de Boubier, 25 - 6200 Chatelet, il-Belġju	CUPIDON
12	KGHM Polska Miedź S.A.	ul. Marii Skłodowskiej-Curie 48, 59-300 Lubin, il-Polonja	Development and extraction of the Retków-Grodziszcze Deposit in KGHM Polska Miedź S.A.
13	ELECTRO MOBILITY MATERIALS EUROPE (EMME)	43 RUE D'ARMAGNAC 33800 BORDEAUX, Franza	EMME
14	ECO LIFE STYLE S.R.L.	Strada Plevnei no. 42, Dascalu Commune, Ilfov County, ir-Rumanija	Establishment of electric battery recycling capacity, Racari city, Dambovita county
15	ElvalHalcor Hellenic Copper and Aluminium industry S.A.	62nd km Athens - Lamia National Road, GR 320 11, Oinofyta, Viotia, il-Greċja	ETEOCLES - Developing a recycling hub for low quality copper scrap
16	cylib Production I GmbH	Philipsstraße 8, 52068 Aachen, il-Ġermanja	EU BEST STRAT: Battery Economical Sustainable (Recycling-) Technology
17	AMG Lithium GmbH	Industriepark Höchst Gebäude B852, 65926 Frankfurt, il-Ġermanja	European Lithium Refining and Recycling Hub Bitterfeld: from primary raw materials via recycling to critical solid state battery components.
18	CMK s.r.o.	Sandricka 30, 96681 Žarnovica, is-Slovakkja	GaRefine - Gallium Recycling & Refining for Europe
19	FinnCobalt Oy	Suutarinkatu 9 83500 Outokumpu, il-Finlandja	Hautalampi Cobalt-Nickel-Copper Mine Project
20	HyProMag GmbH	Unterm Wolfsberg 9/9a, 75177 Pforzheim, il-Ġermanja	HyProMag GmbH
21	Lithium de France	31 Rue de la Redoute, 67500 Haguenau, Franza	Lithium de France
22	Aubert & Duval SAS	12 Rue d'Oradour Sur Glane 92130 Issy-Lesmoulineaux, Franza	LUERN
23	Myne Circular Metals B.V	Lorentzkade 2, 3846BP Harderwijk, in-Netherlands	Myne Circular Metals Harderwijk
24	NEOMAT PCAM	ZAC DES BASSINS 124 RUE DU MAGASIN GENERAL 59140 DUNKERQUE, Franza	NEOMAT-PCAM
25	Aluminium Rolling Division of ELVALHALCOR (Hellenic Copper and Aluminium Industry S.A)	61st km Athens - Lamia National Road, GR 320 11, Oinofyta, Viotia, il-Greċja	NEW ALUMINIUM RECYCLING HUB IN GREECE

	Promotur tal-Proġett	Indirizz tal-Promotur	Isem il-Proġett
26	Umicore	Broekstraat 31, 1000 Brussell, il-Belġju	OREON (Optimal REcycling Of Nickel)
27	Slovalco, a.s.	Priemyselná 14, 965 48 Žiar nad Hronom, is-Slovakkja	Production of Primary Aluminium and Product Diversification in Slovalco, a.s.
28	Arctial Group Oy	Fabianinkatu 9, 00130 Helsinki, il-Finlandja	Project Arctial
29	Pure Batterry Technologies Ltd.	Level 32, 10 Eagle Street, Brisbane, QLD,4000, l-Awstralja	Pure Battery Technologies pCAM plant Europe
30	KGHM Polska Miedź S.A.	ul. Marii Skłodowskiej-Curie 48, 59-300 Lubin, il-Polonja	Integrated Recycling Smelter
31	Refinis	Pramones street 2, Lazdenai, il-Litwanja	Refinis recycling plant (UAB Refinis)
32	Italrecycling & Investment srl	Via della costituzione 19, 52048 Monte San Savino, l-Italja	ReSuPLIR - Recovery and Supply of Platinum, Iridium and Ruthenium
33	OMCD TEK HUB S.p.A.	via Megolo, 43 - 28877 Anzola d'Ossola (VB), l-Italja	REW-ITA green HUB: Recovery of Wolfram: Italian Technology Advanced green Hub
34	Aurubis AG	Hovestrasse 50, 20539, Hamburg, il-Ġermanja	Second TBRC Lünen
35	NPM Silmet OÜ	Sillamäe linn, Kesk tn 2/1, 40231, Ida-Viru maakond, l-Estonja	Silmet 2.0
36	Hellas Gold S.A.	Leoforos Vasilissis Sofias 23 A, Ateni, il-Greċja	Skouries Project
37	Sokli Oy	Soklinkairantie 12, 98840, Ruuvaoja, il-Finlandja	Sokli
38	Back to Battery B.V.	Mezenlaan 75, 2566ZE, Delft, in-Netherlands	Enabling CRM production in Europe by recovering CRM from end-of-life batteries: A scalable battery black mass refining process that extracts critical raw materials from all types of Li-ion batteries in an environmental friendly way.
39	Suhanko Arctic Platinum Oy	Ahjotie 7, 96320 Rovaniemi, il-Finlandja	Suhanko project
40	Aurubis Bulgaria AD	Industrial zone, 2070, Pirdop, il-Bulgarija	Tankhouse Expansion Pirdop
41	Isabellenhütte Heusler GmbH & Co. KG	Eibacher Weg 3-5, 35683 Dillenburg, il-Ġermanja	Titanium alloys made in Europe
42	TDM Electronics Inc.	Spokojna 1, 05-555, Rembertów, il-Polonja	Urban mining

	Promotur tal-Proġett	Indirizz tal-Promotur	Isem il-Proġett
43	CRITICAL. (sid ta' Circular Industries)	Veembroederhof 281, 1019 HD Amsterdam, in-Netherlands	Urban Mining Factory - Printed Circuit Boards
44	Verde Magnesium Industries SRL	Virgil Plesoianu, 84, Ap. 1, Sector 1, Bucharest, ir-Rumanija	Verde Magnesium Industries
45	Gruvaktiebolaget Viscaria	Viscariavägen 10, 981 99, Kiruna, l-Iżvezja	Viscaria Copper Project
46	Zinnwald Lithium Plc	22 A St James's Square, London, SW1Y 4JH, ir-Renju Unit	Zinnwald Lithium Project

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Ottubru 2026.

Għall-Kummissjoni
Stéphane SÉJOURNÉ
Viċi President Eżekuttiv

ANNESS

LISTA TAL-PROĠETTI STRATEĠIĊI

(1) 3ECYCLE hu proġett tar-riċiklaġġ attwali fin-Netherlands. Il-proġett promoss minn Mitsubishi Materials Europe B.V hu maħsub biex jikkontribwixxi għall-provvista tar-ram.

(2) 9PV-up: Upcycling raw materials from end-of-life photovoltaic panels hu proġett tar-riċiklaġġ attwali fl-Italja. Il-proġett promoss minn 9-Tech hu maħsub biex jikkontribwixxi għall-provvista tal-boksajt/alumina/aluminju, tar-ram u tal-metall tas-siliċju.

(3) ALE — Altmark Lithium Extraction hu proġett integrat attwali fil-Ġermanja. Il-proġett promoss minn Neptune Energy Innovations GmbH hu maħsub biex jikkontribwixxi għall-provvista tal-litju (grad tal-batterija).

(4) Alkeemia PureGraph hu proġett tal-ipproċessar attwali fl-Italja. Il-proġett promoss minn Alkeemia S.p.A. hu maħsub biex jikkontribwixxi għall-provvista tal-grafit (grad tal-batterija).

(5) EU APT Tungsten Plant hu proġett tal-ipproċessar attwali fi Spanja. Il-proġett promoss minn ABENÓJAR TUNGSTEN S.A. hu maħsub biex jikkontribwixxi għall-provvista tat-tungstenu.

(6) BORRALHA MINING PROJECT hu proġett tal-estrazzjoni attwali fi Spanja. Il-proġett promoss minn MINERALIA — Minas, Geotecnia e Construções, Lda. hu maħsub biex jikkontribwixxi għall-provvista tat-tungstenu.

(7) BREES (Best Rare Earth Element Separation) hu proġett tar-riċiklaġġ attwali fi Franza. Il-proġett promoss minn Rhodia Operations hu maħsub biex jikkontribwixxi għall-provvista tal-elementi tal-materjali tal-art rari għall-kalamiti.

(8) CRM4Defence — Byproducts and Recycling of CRM for Defence hu proġett tar-riċiklaġġ attwali fl-Italja, fil-Polonja, fir-Renju Unit u fi Franza. Il-proġett promoss minn Arctial Group Oy hu maħsub biex jikkontribwixxi għall-provvista tal-boksajt/alumina/aluminju, tal-manjeżju u tal-metall tat-titanju.

(9) Cobre San Rafael Project hu proġett tal-estrazzjoni attwali fi Spanja. Il-proġett promoss minn Cobre San Rafael, S.L. hu maħsub biex jikkontribwixxi għall-provvista tar-ram.

(10) CoNiKo — Cobalt and Nickel refining in Kokkola hu proġett tal-ipproċessar attwali fil-Finlandja. Il-proġett promoss minn Umicore hu maħsub biex jikkontribwixxi għall-provvista tal-kobalt u tan-nikil (grad tal-batterija).

(11) CUPIDON hu proġett tar-riċiklaġġ attwali fil-Belġju. Il-proġett promoss minn Comet Traitements hu maħsub biex jikkontribwixxi għall-provvista tar-ram.

(12) Development and extraction of the Retków-Grodziszcze Deposit in KGHM Polska Miedź S.A. hu proġett tal-estrazzjoni attwali fil-Polonja. Il-proġett promoss minn KGHM Polska Miedź S.A. hu maħsub biex jikkontribwixxi għall-provvista tar-ram.

(13) EMME hu proġett integrat attwali fi Franza. Il-proġett promoss minn ELECTRO MOBILITY MATERIALS EUROPE (EMME) hu maħsub biex jikkontribwixxi għall-provvista tal-kobalt u tan-nikil (grad tal-batterija).

(14) Establishment of electric battery recycling capacity, Racari city, Dambovita county hu proġett tar-riċiklaġġ attwali fir-Rumanija. Il-proġett promoss minn ECO LIFE STYLE S.R.L. hu maħsub biex jikkontribwixxi għall-provvista tal-kobalt, tal-litju (grad tal-batterija), tal-manganiż (grad tal-batterija), tal-grafit (grad tal-batterija) u tan-nikil (grad tal-batterija).

(15) ETEOCLES — Developing a recycling hub for low quality copper scrap hu proġett tar-riċiklaġġ attwali fil-Greċja. Il-proġett promoss minn ElvalHalcor Hellenic Copper and Aluminium industry S.A. hu maħsub biex jikkontribwixxi għall-provvista tar-ram.

(16) EU BEST STRAT: Battery Economical Sustainable (Recycling-) Technology hu proġett tar-riċiklaġġ attwali fil-Ġermanja. Il-proġett promoss minn cylib Production I GmbH hu maħsub biex jikkontribwixxi għall-provvista tal-boksajt/alumina/aluminju, tar-ram, tal-kobalt, tal-litju (grad tal-batterija), tal-manganiż (grad tal-batterija), tal-grafit (grad tal-batterija) u tan-nikil (grad tal-batterija).

(17) European Lithium Refining and Recycling Hub Bitterfeld: from primary raw materials via recycling to critical solid state battery components hu proġett integrat attwali fil-Ġermanja. Il-proġett promoss minn AMG Lithium GmbH hu maħsub biex jikkontribwixxi għall-provvista tal-litju (grad tal-batterija).

(18) GaRefine — Gallium Recycling & Refining for Europe hu proġett tar-riċiklaġġ attwali fis-Slovakkja. Il-proġett promoss minn CMK s.r.o. hu maħsub biex jikkontribwixxi għall-provvista tal-gallju.

(19) Hautalampi Cobalt-Nickel-Copper Mine Project hu proġett tal-estrazzjoni attwali fil-Finlandja. Il-proġett promoss minn FinnCobalt Oy hu maħsub biex jikkontribwixxi għall-provvista tar-ram, tal-kobalt u tan-nikil (grad tal-batterija).

(20) HyProMag GmbH hu proġett tar-riċiklaġġ attwali fil-Ġermanja. Il-proġett promoss minn HyProMag GmbH hu maħsub biex jikkontribwixxi għall-provvista tal-elementi tal-materjali tal-art rari għall-kalamiti.

(21) Lithium de France hu proġett integrat attwali fi Franza. Il-proġett promoss minn Lithium de France hu maħsub biex jikkontribwixxi għall-provvista tal-litju (grad tal-batterija).

(22) LUERN hu proġett tal-ipproċessar attwali fi Franza. Il-proġett promoss minn Aubert & Duval SAS hu maħsub biex jikkontribwixxi għall-provvista tal-metall tat-titanju.

(23) Myne Circular Metals Harderwijk hu proġett tar-riċiklaġġ attwali fin-Netherlands. Il-proġett promoss minn Myne Circular Metals B.V hu maħsub biex jikkontribwixxi għall-provvista tal-boksajt/alumina/aluminju u tar-ram.

(24) NEOMAT-PCAM hu proġett tal-ipproċessar attwali fi Franza. Il-proġett promoss minn NEOMAT PCAM hu maħsub biex jikkontribwixxi għall-provvista tal-kobalt, tal-manganiż (grad tal-batterija) u tal-litju (grad tal-batterija).

(25) NEW ALUMINIUM RECYCLING HUB IN GREECE hu proġett tar-riċiklaġġ attwali fil-Greċja. Il-proġett promoss minn Aluminium Rolling Division of ELVALHALCOR (Hellenic Copper and Aluminium Industry S.A) hu maħsub biex jikkontribwixxi għall-provvista tal-boksajt/alumina/aluminju.

(26) OREON (Optimal REcycling Of Nickel) hu proġett tal-ipproċessar attwali fil-Belġju. Il-proġett promoss minn Umicore hu maħsub biex jikkontribwixxi għall-provvista tar-ram, tal-kobalt, tan-nikil (grad tal-batterija) u tal-metalli tal-grupp tal-platinu.

(27) Production of Primary Aluminium and Product Diversification in Slovalco, a.s. hu proġett tal-ipproċessar attwali fis-Slovakkja. Il-proġett promoss minn Slovalco, a.s. hu maħsub biex jikkontribwixxi għall-provvista tal-boksajt/alumina/aluminju.

(28) Project Arctial hu proġett tal-ipproċessar attwali fil-Finlandja. Il-proġett promoss minn Arctial Group Oy hu maħsub biex jikkontribwixxi għall-provvista tal-boksajt/alumina/aluminju.

(29) Pure Battery Technologies pCAM plant Europe hu proġett integrat attwali fil-Ġermanja. Il-proġett promoss minn Pure Batterry Technologies Ltd. hu maħsub biex jikkontribwixxi għall-provvista tal-kobalt, tal-manganiż (grad tal-batterija) u tan-nikil (grad tal-batterija).

(30) Integrated Recycling Smelter hu proġett tar-riċiklaġġ attwali fil-Polonja. Il-proġett promoss minn KGHM Polska Miedź S.A. hu maħsub biex jikkontribwixxi għall-provvista tar-ram u tan-nikil (grad tal-batterija).

(31) Refinis hu proġett tar-riċiklaġġ attwali fil-Litwanja. Il-proġett promoss minn Refinis recycling plant (UAB Refinis) hu maħsub biex jikkontribwixxi għall-provvista tal-metalli tal-grupp tal-platinu.

(32) ReSuPLIR — Recovery and Supply of Platinum, Iridium and Ruthenium hu proġett integrat attwali fl-Italja. Il-proġett promoss minn Italrecycling & Investment srl hu maħsub biex jikkontribwixxi għall-provvista tal-metalli tal-grupp tal-platinu.

(33) REW-ITA green HUB: Recovery of Wolfram: Italian Technology Advanced green Hub hu proġett tar-riċiklaġġ attwali fl-Italja. Il-proġett promoss minn OMCD TEK HUB S.p.A. hu maħsub biex jikkontribwixxi għall-provvista tar-ram, tal-kobalt u tat-tungstenu.

(34) Second TBRC Lünen hu proġett tar-riċiklaġġ attwali fil-Ġermanja. Il-proġett promoss minn Aurubis AG hu maħsub biex jikkontribwixxi għall-provvista tar-ram.

(35) Silmet 2.0 hu proġett tal-ipproċessar attwali fl-Estonja. Il-proġett promoss minn NPM Silmet OÜ hu maħsub biex jikkontribwixxi għall-provvista tal-elementi tal-materjali tal-art rari għall-kalamiti.

(36) Skouries Project hu proġett tal-estrazzjoni attwali fil-Greċja. Il-proġett promoss minn Hellas Gold S.A. hu maħsub biex jikkontribwixxi għall-provvista tar-ram.

(37) Sokli hu proġett tal-estrazzjoni attwali fil-Finlandja. Il-proġett promoss minn Sokli Oy hu maħsub biex jikkontribwixxi għall-provvista tal-elementi tal-materjali tal-art rari għall-kalamiti.

(38) Enabling CRM production in Europe by recovering CRM from end-of-life batteries: A scalable battery black mass refining process that extracts critical raw materials from all types of Li-ion batteries in an environmental friendly way hu proġett tar-riċiklaġġ attwali fin-Netherlands. Il-proġett promoss minn Back to Battery B.V. hu maħsub biex jikkontribwixxi għall-provvista tal-kobalt, tal-litju (grad tal-batterija), tan-nikil (grad tal-batterija), tal-manganiż (grad tal-batterija) u tal-grafit (grad tal-batterija).

(39) Suhanko project hu proġett tal-estrazzjoni attwali fil-Finlandja. Il-proġett promoss minn Suhanko Arctic Platinum Oy hu maħsub biex jikkontribwixxi għall-provvista tar-ram, tan-nikil (grad tal-batterija) u tal-metalli tal-grupp tal-platinu.

(40) Tankhouse Expansion Pirdop hu proġett tal-ipproċessar attwali fil-Bulgarija. Il-proġett promoss minn Aurubis Bulgaria AD hu maħsub biex jikkontribwixxi għall-provvista tar-ram.

(41) Titanium alloys made in Europe hu proġett integrat attwali fil-Ġermanja. Il-proġett promoss minn Isabellenhütte Heusler GmbH & Co. KG hu maħsub biex jikkontribwixxi għall-provvista tal-metall tat-titanju.

(42) Urban mining hu proġett tar-riċiklaġġ attwali fil-Polonja. Il-proġett promoss minn TDM Electronics Inc. hu maħsub biex jikkontribwixxi għall-provvista tar-ram, tal-ġermanju, tal-boksajt/alumina/aluminju u tal-metalli tal-grupp tal-platinu.

(43) Urban Mining Factory — Printed Circuit Boards hu proġett tar-riċiklaġġ attwali fin-Netherlands. Il-proġett promoss minn CRITICAL. (sid ta' Circular Industries) hu maħsub biex jikkontribwixxi għall-provvista tal-boksajt/alumina/aluminju, tar-ram u tan-nikil (grad tal-batterija).

(44) Verde Magnesium Industries hu proġett tal-ipproċessar attwali fir-Rumanija. Il-proġett promoss minn Verde Magnesium Industries SRL hu maħsub biex jikkontribwixxi għall-provvista tal-manjeżju.

(45) Viscaria Copper Project hu proġett tal-estrazzjoni attwali fl-Iżvezja. Il-proġett promoss minn Gruvaktiebolaget Viscaria hu maħsub biex jikkontribwixxi għall-provvista tar-ram.

(46) Zinnwald Lithium Project hu proġett integrat attwali fil-Ġermanja. Il-proġett promoss minn Zinnwald Lithium Plc hu maħsub biex jikkontribwixxi għall-provvista tal-litju (grad tal-batterija).